MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 515/2011

**Jonathan Borg (ID 33282M)**
**vs**
**FIMBank p.l.c. (C17003) u d-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali,**
**id-Direttur tar-Registru Pubbliku u r-Registratur ta' l-Artijiet**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Jonathan Borg tas-27 ta' Mejju 2011, li jaqra hekk:

*"Illi 1-esponent ghadu kemm sar jaf li dina 1-Onorabbli Qorti ffissat il-jum tat-Tlieta 31 ta'Mejju 2011 ghall-bejgh bis-subasta tal-proprjeta' immobbli citata fl-atti tas-subasta numru 77/2009 fl-ismijiet inversi, cioe il-"Maisonette" bin-numru hamsa (5) fi Braile Street, Santa Venera;*

*Illi 1-ewwel paragrafu tar-rikors promotur tas-subasta odjerna testwalment jghid:*

*“permezz: ta’ Ittra Ufficjali, FIMBank p.l.c. (C17003), gia First International Merchant Bank p.l.c.) (il-Bank) presentata fit-23 ta’ Marzu, 2009 u notifikat lill-intimat (kopja hawn annessa Dok “A”) il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon fit-3 ta’ Novembru 2003, fejn l-intimat ikkostitwixxa ruhu garanti favur il-Bank fis-somma ta’ mija u sitta u tmenin elf, tlett mija u hamsin Euro u sitta u ghoxrin centezmi (Euro 186,350.26) ekwivalenti ghal tmenin elf lira Maltija (Lm80,000) dovuta minn terzi, gie rez titolu ezekuttiv;”*

*Illi 1-artikolu 253 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) testwalment jipprovdi:*

*253. Huma titoli esekuttivi:…(b) il-kuntratti ricevuti minn nutar pubbliku ta’ Malta, jew minnu ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix f’esekuzzjoni ta’ fatt;…”;*

*Illi harsa akkurata lejn l-anness kuntratt nutarili (Dok. JB 1) juri li ma huwiex minnu dak li qed jiddikjara l-FIMBank p.l.c. fir-rikors promotur tieghu ( cioe’ li l-intimat ikkostitwixxa ruhu garanti favur il-Bank fis-somma ta’ mija u sitta u tmenin elf, tlett mija u hamsin Euro u sitta u ghoxrin centezmi (Euro 186,350.26) ekwivalenti ghal tmenin elf lira Maltija (Lm80,000) dovuta minn terzi);*

*Illi ghal kuntrarju u kif jidher lampanti, permezz ta’ 1-istess kuntratt pubbliku, ir-rikorrent sempliciment ikkostitwixxa ipoteka specjali a favur ta’ 1-istess FIMBank p.l.c. fuq il-proprjeta’ subastandi u fl-ebda, u dina sal-valur ta’ tmenin elf Liri Maltin (Lm80,000) u ghalhekk kull ma sehh permezz ta 1-anness kuntratti nutarili (Dok. JB 2) kien li gie kkrejat jedd ta’ preferenza (vide l-artikolu 1966 tal-Kodici Civili — Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta);*

*Illi la l-kuntratt nutarili (Dok. JB 1) ma huwiex dwar dejn li huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq l-istess kuntratt ma huwiex titolu ezekuttiv ai termini tal-artikolu 253 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghalhekk*

*1-ittra Ufficjali li FIMBank p.l.c. presentata fit-23 ta' Marzu, 2009 u notifikat lill-esponent ma seta' qatt b'mod legittimu rrenda 1-kuntratt nutarili (Dok. JB 1) ezegwibhli ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;*

*Illi ghalhekk ir-rikors promotur tas-subasta odjerna huwa null u minghajr effett fil-ligi, senjatament peress illi a tenur ta' 1-artikolu 273 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili t-talba ghall-bejgh bl-irkant bil-Qorti (subasta) tista' biss issir in ezekuzzjoni ta' wiehed mit-titoli ezekkutivi citati fil-fuq imsemmi artikolu 253 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u kwindi daqstant iehor, l-atti kollha ta' 1-istess subasta huma nulli u minghajr effett fil-ligi (quod nullum est nullum producit effectum) ghalhekk ir-rikorrent odjern qieghed jipprevalixxi ruhu mid-dritt moghti lilu skond il-ligi;*

*Illi a tenur ta' Digriet moghti fil-25 ta' Novembru 2009 ai termini tal-artikolu 306 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili r-Registratur kien gie ordnat li jinforma kemm id-Direttur tar-Registru Pubbliku kif ukoll lir-Registratur ta' 1-Artijiet bil-bejgh bis-subasta odjerna u 1-istess Direttur tar- Registru Pubbliku kien gie ordnat sabiex jirregistra d-digriet precitat minnufih;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, jghid 1-bank konvenut ghaliex m'ghandhiex dina 1-Onorabbli Qorti:*

*1) Tiddikjara li 1-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' ipoteka specjali il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon fit-3 ta' Novembru 2003 ma jikkostitwix titolu ezekuttiv fil-konfront tar-Rikorrent;*

*2) Tiddikjara illi ir-rikors promotur tas-subasta numru 77/2009 fl-ismijiet inversi u 1-atti kollha ta' 1-istess subasta kompriz kwalunkwe eventwali liberazzjoni huma nulli u minghajr effett fil-ligi;*

*3) Tiddikjara li kull nota u registrazzjoni registrata u/jew effettwata fir-Registru Pubbliku ta' Malta u fir-Registru ta 1-Artijiet rizultanti mill-atti tas-subasta numru 77/2009 fl-*

*ismijiet inversi li jolqot il-propjeta' citata fl-atti ta' 1-istess bejgh bl-irkant bil-Qorti, cioe' il-"Maisonette" bin-numru hamsa (5) fi Braile Street, Santa Venera huwa null u minghajr effett fil-ligi;*

*4) Tiddikjara, in vista tas-suespost, illi 1-atti kollha ta' 1-istess subasta numru 77/2009 fl-ismijiet inversi ma jorbtux 1-esponenti u 1-propjeta' citata fl-atti ta' 1- istess bejgh bl-irkant bil-Qorti, cioe' il-"Maisonette" bin-numru hamsa (5) fi Braile Street, Santa Venera;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ngunt ghas-subizzjoni u bir-rizerva ta' kull azzjoni kompriz dik ghad-danni kontra l-intimati."*

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u r-Registratur tal-Artijiet tat-28 ta'Gunju 2011 li taqra hekk:

*1. "Illi l-esponent jissottometti li d-digriet moghti fil-25 ta' Novembru 2009 gie registrat b'mod regolari kif hekk rikjest skond id-digriet innifsu ai termini tal-artikolu 306 (c) u (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Illi ergo, 1-esponenti m'ghandhomx jigu assogettati ghall-ispejjez u dan stante li tali azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti taghhom;*

*3. Illi mill-bqija, 1-esponenti jirrimetti ruhhu ghas-savju u ulterjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;"*

Rat ir-risposta guramentata ta' tad-Direttur, tal-Qrati Civili u Tribunali tal-15 ta'Lulju 2011 li taqra hekk:

*1. "Illi, preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija monka u nulla fil-konfront tal-eccipjenti stante li l-azzjoni giet intavolata kontra entita', ossia ir-Registratur Qrati Civili u Tribunali, li ma huwiex aktar kontemplat fil-Ligi, u ghalhekk l-eccipjenti Direttur, Qrati Civili u Tribunali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur.*

*2. Illi fi kwalunkwe kaz u bla ebda pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjenti assolutament mhuwiex il-legittimu kontradittur u gie traxxinat f'dawn il-proceduri bla bzonn u kwindi anke minn dan il-lat ghandu jigi liberat mill-osservanza tai-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur.*

*3. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, fii-meritu l-eccipjenti jirrileva illi huwa jirrimetti ruhhu ghas-savju gudizzju ta' dina 1-Onorabbli Qorti, b'dan illi jirrileva li huwa m'ghandu jbghati ebda spejjez.*

*4. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, fil-konfront tal-eccipjent, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*5. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti."*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ghall-finijiet tal-artikolu 15(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tal-15 ta' Lulju 2011 li taqra hekk:

*1. "Illi dawn il-fatti jafhom hu personalment.*

*2. Illi l-azzjoni odjerna hija monka u nulla fil-konfront tal-eccipjenti stante li l-azzjoni giet ntavolata kontra entita', ossia ir-Registratur Qrati Civili u Tribunali, li ma huwiex aktar kontemplat fil-Ligi, u ghalhekk huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*

*3. Illi fi kwalunkwe kaz huwa assolutament mhuwiex il-legittimu kontradittur u gie traxxinat f'dawn il-proceduri bla bzonn u kwindi anke minn dan il-lat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra 1-attur.*
*4. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, fil-meritu l-eccipjenti jirrileva illi huwa jirrimetti ruhhu ghas-savju gudizzju ta' dina 1-Onorabbli Qorti, b'dan illi jirrileva li huwa m'ghandu jbghati ebda spejjez.*

5. *Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, fil-konfront* tal-eccipjenti, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt."

Rat ir-risposta guramentata ta' FIMBank p.l.c. tat-28 ta'Gunju 2012 li taqra hekk:

*1. "Illi permezz tal-kuntratt tat-3 ta' Novembru 2003 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon, l-attur accetta li jaghmel tajjeb u jikkostitwixxi ruhu bhala garanti "in solidum with Almeco Limited for the sum hereunder mentioned", sabiex ihallas dejn li gie kanonizzat favur l-istess Bank in segwitu ta' sentenza ta' dina 1-Onorabbli Qorti tas-16 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet "First International Merchant Bank plc vs Almeco Ltd."*

*2. Illi fl-istess kuntratt l-attur ikkawtela l-garanzija minnu moghtija lill-Bank konvenut b'ipoteka specjali fuq il-fond in kwistjoni u dan proprju sabiex jiggarantixxi 1-obbligu minnu assunt " up to the maximum limit of eighty thousand Maltese Liri ( Lm 80,000);*

*3. Illi permezz ta' ittra ufficcjali prezentata fil-11 ta' Settembru 2009 u notifikata lill-attur l-fuq imsemmi kuntratt gie rez titolu ezekuttiv u dan stante li l-dejn in kwistjoni huwa cert, likwidu u dovut.*

*4. Illi l-asserzjoni li l-kuntratt in kwistjoni huwa biss ta' ghotja ta' ipoteka specjali "in vacuo" u minghajr ma ntrabat b'ebda obbligazzjoni solidali 1-attur hija ghal kollox infondata u frivola.*

*5. Illi ghalhekk isegwi illi 1-proceduri ta' subbasta saru validament billi l-kuntratt in kwistjoni gie rez titolu ezekuttiv validament skond il-ligi."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Novembru 2012, illi bih l-atti tas-subasta 77/2009 fl-ismijiet FIMBank p.l.c. (C17003) vs Jonathan Borg gew allegati mal-process;

Rat in-nota t'osservazzjonijiet ta'Jonathan Borg tat-28 ta' Gunju 2013;

Rat in-nota t'osservazzjonijiet ta' FIMBank p.l.c tat-3 ta' Lulju 2013;

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tad-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali tal-15 ta' Lulju 2013;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti fil-kawza odjerna, jirrizulta illi fit-3 ta' Novembru 2003 permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon, ir-rikorrenti Jonathan Borg accetta in solidum ma Almeco Limited, li jipprovdi sigurta addizzjonali lill-FIMBank p.l.c. ghall-esekuzzjoni ta' dejn kanonizzat permezz ta' sentenza fl-ismijiet "First International Merchant Bank p.l.c vs Almeco Limited" datata 16 ta' Jannar 2003 billi ikkostitwixxa ipoteka specjali fuq il-*maisonette*, 5 Braille Street Santa Venera, sal-massimu ta' tmenin elf lira Maltin (Lm80,000).

Infatti il-kuntratt Dok. JB1 a fol. 5 sa 6 jghid testwalment is-segwenti:

***"Whereas the Bank is the judgement creditor of Almeco Limited, as per judgment of the First Hall Civil Court given on the sixteenth (16) of the year two thousand and three (2003) in the Names "First International Merchant Bank plc"-v-Almeco Limited***

***Whereas Jonathan Borg has agreed to grant additional security to the Bank for the execution of the said judgement debt;***

***Now therefore in virtue of this deed Jonathan Borg, in order to further secure such facility, in solidum with Almeco Limited for the sum here under mentioned hereby constitutes in favor of the Bank which accepts a special hypothec over the maisonette numbered five (5) situated in Braille Street in Saint Venera and the airspace so occupied by the said maisonette as delined in the plan hereto annexed document A, as subject to the annual and perpetual ground rent of twenty six Maltese un (Lm26) payable to the heirs of Vincenzo Bugeja, overlying property of Joseph and Mary spouses Sammut, otherwise free and unencumbered with all its rights and appurtenances, which special hypothec is being granted limitedly, up to the maximum limit of eighty thousand Maltese liri (Lm80,000)...***

***...The bank shall have the right to exercise its hypothecary rights herein granted over the property in execution of the said judgment and Jonathan Borg hereby waives in favor of the Bank any benefit of discussion."***

L-attur qieghed jissotometti illi dan il-kuntratt ma jikkostitwix titolu ezekuttiv ai termini tal-Art. 253(b) tal-Kap. 12 ghaliex tali kuntratt ***"ma jistghax jinkwadra ruhu fl-ambitu ta' deskrizzjoni ta' dejn illi huwa cert, likwidu u ghalaq, stante li ma jissemma ebda terminu ghal hlas u fuq kollox is-somma hemm imsemmija ma tirrigwardax dejn cert, likwidu u li jkun definittivament ghalaq... izda huwa deskritt biss bhala "up to the maximum limit of eighty thousand Maltese Liri (LM80,000)"." -*** Vide nota ta' sottomissjoni, fol 43.
Illi di piu' ir-rikorrent jiccita is-sentenza fl-ismijiet "Anthony Abela et vs Ronald Cordina u Lombard Bank" in sostenn tat-talbiet taghha.

**Ikkonsidrat:**

L-artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

***253. "Huma titoli esekuttivi:***

***(a) is-sentenzi u d-digrieti tal-qrati tal-ġustizzja ta' Malta;***

***(b) il-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt;***

***(ċ) taxxi ta' drittijiet u spejjeż ġudizzjarji, maħruġa favur ta' avukat, prokuratur legali, nutar pubbliku, perit jew perit ieħor imqabbad minn qorti, jew xhud, meta dawn it-taxxi ma jkunux ġew attakkati skont il-liġi;***

***(d) id-deċiżjonijiet ta' arbitri rreġistrati maċ-Ċentru tal-Arbitraġġ ta' Malta;***

***(e) kambjali u promissory notes maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ: B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur talkambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik ilkambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ. L-ittra uffiċjali msemmija aktar 'il***

***fuq f'dan il-proviso għandha, taħt piena ta' nullità, tavża lid-debitur bid-dritt mogħti lilu minn dan il-proviso;***

***(f) ftehim ta' medjazzjoni magħmulin eżegwibbli mill-partijiet għall-medjazzjoni skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Medjazzjoni;***

***(g) deċiżjonijiet tat-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi***."

Is-sentenza fl-ismijiet **"Calcedonio Ciantar vs. Francis Grech et."** deciza fis-**6 ta'Marzu 1965** per **Onor.Imh. Dr. E Magri** gie ritenut:

***"Li dana l-principju gie enuncjat konformement mill-Qorti taghna li rritenew li meta dekadenza tiddependi minn kondizzjoni bhal kaz prezenti li tiddependi mill-mora fil-pagament tar-rati ta' hlas li kellhom jithallsu, hija necessarja l-awtorizzazzjoni gudizzjarjali ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt jew titolu iehor, anki meta ma jkunux ghaddew tliet snin mid-data ta l-iskadenza jew mid-data ta' l-att (Kollez XVI, iii, 103; XXXI, iii, 249)..."***

Fis-sentenza appellata fuq indikata u deciza fil-21 ta' Mejju 1965 jinghad:

***"Fis-sentenza Vol. XXXI intqal – kif issa wkoll intqal fis-sentenza appellata – illi "meta d-dekadenza tiddependi minn kondizzjoni, bhal kaz prezenti mill-mora fil-pagament ta' rati ta' hlas li kellhom isiru, hija necessarja l-awtorizzazzjoni gudizzjali ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt..."***

***Fil-fehma tal-Qorti huwa car li altru li wiehed jghid illli "l-kreditur ghandu interess li jaccerta gudizzjarjament il-verifikazjoni tal-kondizzjoni u altru li wiehed jghid illi: "awtorizzazzjoni gudizzjali hi neccessarja." <u>Jekk tigi accettata din it-tieni verzjoni tar-regola jigri illi, f'kazijiet ta' din ix-xorta il-kreditur ma jkun jista' qatt</u>***

***jipprocedi ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt jew titolu iehor minghajr il-precedenti awtorizzazzjoni gudizzjali tant illi jekk jipprocedi ghall-esekuzzjoni minghajr dik il-precedenti awtorizzazzjoni jista' jigi ,milqugh bl-eccezzjoni relativa. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma jidherx korrett.*"**(Enfasi ta' din il-Qorti)

Illi l-attur jiccita il-kawza"Anthony Abela et vs Ronald Cordina u Lombard Bank", insostenn tat-talbiet tieghu. Bir-rispett kollu c-cirkostanzi fil-kawza "Anthony Abela et vs Ronald Cordina u Lombard Bank", huma diamettrikament opposti ghac-cirkostanzi in ezami. Dan qieghed jinghad ghaliex fil-kawza fuq citata dik il-Qorti kienet sostnit li :

***"kien hemm cirkostanzi partikolari li jindikaw li hemm bzonn ta' konferma mill-Qorti..."***

u gie stabbilit ukoll illi l-proceduri sabiex l-atturi jigu dikjarati illi iddekadew mill-beneficcju tat-terminu lilhom moghti minhabba nuqqas ta' pagamenti, **kienu ghadhom pendenti.**

Illi fil-kaz in ezami s-somma jew kreditu principali **kien gie kanonizzat permezz ta' sentenza** ta' dawn il-Qrati datata 16 ta' Jannar 2003 fl-ismijiet: "FIMBank p.l.c vs. Almeco Limited". Certament ma jistghax ikun hemm xi ombra ta' dubbju li l-ammont indikat f'dik is-sentenza hu soggett ghal xi terminu futur jew ghal xi tip ta' sospenzjoni.

Illi, meta mbaghad wiehed jezamina l-kuntratt tat-3 ta' Novembru 2003, johrog car daqs il-kristall illi r-rikorrenti Jonathan Borg accetta illi jaghti sigurta addizzjonali lill-FIMBank p.l.c. ghall-esekuzzjoni tad-dejn kanonizzat permezz tas-sentenza tas-16 ta' Jannar 2003. Inoltre, accetta li jikkawtela l-kreditu hekk kanonizzat gudizzjarjament permezz ta' iskrizzjoni ta' ipoteka specjali fuq il-fond immobbli f'5 Braille Street Santa Venera. Di piu' Jonathan Borg irrinunzja ghall-beneficcju tad-diskussjoni. Ghal dawn il-mottivi din il-Qorti ma tistax takkolji l-ewwel talba tar-rikorrenti.

Illi l-Qorti ezaminat ukoll l-ecccezzjonijiet tad-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali u filwaqt illi taghraf illi l-ewwel eccezzjoni certament ghandha tigi respinta stante illi il-bidla tan-nomenklatur tar-“Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili ta’ Malta”,ghall-“Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali” ma timportax maghha s-sanzjoni tan-nullita’ ai tenur ta’ Artikolu 789 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, izda hu nuqqas li facilment jista’ jigi korrett, u l-Qorti hekk tordna.

Il-Qorti taghraf illi d-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghaldaqstant tilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra tal-istess Direttur u certament m’ghandux ibati spejjez.

Ghal dak illi jirrigwarda l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u Registratur tal-Artijiet il-Qorti taghraf illi d-digriet tal-Mandat ta’ Qbid moghti fil-25 ta’ Novembru 2009 gie registrat skond ir-rekwiziti dettati mill-Artikolu 306(c) u (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghaldaqstant m’ghandhomx ibatu l-ispejjez.

Din il-Qorti taghraf illi t-talbiet l-ohra tar-rikorrenti jiddependu fuq ezitu favorevoli tal-ewwel talba tieghu. Ghaldaqstant il-Qorti tirrispingi t-tieni, t-tielet u r-raba’ talba tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti, tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-intimati kif fuq indikati eccetto l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------